MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta 6 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 18/2018/1LM

**Jason Galea (K.I. numru 0186779(M)) f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' Liftman Malta Limited**
***(L-appellanti)***

***vs.***

**Charlie Calleja (K.I. numru 200654(M)) f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' Calyra Property Developments Limited**
***(L-appellati)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell magħmul mir-rikorrent Jason Galea u mis-socjetà Liftman Malta [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti appellanti"] mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' April, 2018, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti

tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċidiet li tilqa' t-talba tal-intimat **Charlie Calleja *proprio*** għal-liberazzjoni.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw xogħlijiet ta' installazzjoni ta' *lift* eżegwiti mir-rikorrenti skont ftehim[1] iffirmat mal-intimati fil-11 ta' Marzu, 2016.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta' rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn ħarku lill-intimati sabiex igħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li jħallsu s-somma ta' tmint elef, erba' mija, ħamsa u għoxrin Euro u għoxrin ċenteżmu (€8,425.20), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, għal xogħlijiet eżegwiti mir-rikorrenti ta' installazzjoni ta' *lift,* u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Awwissu, 2017.

4. L-intimati ippreżentaw ir-risposta tagħhom fejn eċċepew is-segwenti: preliminarjament (a) l-intimat Charlie Calleja fil-kapaċità personali tiegħu ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrent *pro et noe*; (b) ir-rikorrent Jason Galea ma setax jintavola l-azzjoni odjerna f'isem Liftman Malta stante li din mhix entità ġuridika; fil-mertu (ċ) il-pretensjonijiet tar-rikorrent *pro et noe*

[1] Kopja annessa mar-rikors promotur.

kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt; (d) l-ebda ammont mhu dovut għaliex ir-rikorrent Jason Galea kien naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu; (e) salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra r-rikorrent *pro et noe* inġunt għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni spettanti lilu skond il-liġi.

## Is-Sentenza Appellata

5. Waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2018, l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-intimat, li deher f'ismu personali, għal-liberazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju u b'hekk iddikjarat li l-kawża kienet ġiet deċiża.

## L-Appell

6. Ir-rikorrent Jason Galea flimkien mas-soċjetà Liftman Malta Limited ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-15 ta' Mejju, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"TIRREVOKA s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ċivili) (Malta), datata l-ħamsa u għoxrin (25) ta' April, tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan billi:*
>
> 1. *TĦASSAR, TIRREVOKA U TANNULLA dik il-parti tal-istess sentenza fejn laqgħet it-talba seduta stante tal-konvenut Charlie sive Charles Calleja għal-liberazzjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju;*
>
> 2. *TIRRIMETTI l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Ċivil) (Malta), sabiex ikun hemm il-prosegwiment tar-rikors fl-ismijiet premessi."*

L-appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bid-deċizjoni tal-ewwel Qorti għaliex (a) qatt ma ġew notifikati skont il-liġi bl-avviz tas-smigħ; u (b) l-ewwel Qorti iddeċidiet b'mod erronju u mhux skont il-liġi.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-intimati **Charlie Calleja** u **Calyra Property Developments** Limited filwaqt li talbu li l-appell għandu jiġi miċħud, wieġbu kif ġej: (a) l-appell interpost mir-rikorrenti huwa irritwali u null għaliex ma kien hemm l-ebda deċiżjoni u dawn naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedju mogħti lilhom mill-liġi wara li l-ewwel Qorti kkanċellat il-kawża a tenur tal-artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) is-subartikolu 199(3) tal-Kap. 12 jipprovdi li fejn kawża tiġi kkanċellata wara li jonqos milli jidher l-attur, dan għandu jippreżenta rikors fi żmien tliet xhur sabiex il-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista, iżda minflok ir-rikorrenti għażlu li jintavolaw rikors għall-appell; (d) id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti ma kellhiex in-natura definittiva ta' sentenza u għalhekk ma seta' jsir l-ebda appell minnha; (d) fl-eventwalità li r-rikorrenti pprevalixxu ruħhom mir-rimedju mogħti lilhom mill-liġi, il-kawża kienet terġa' titpoġġa fuq il-lista; (e) stante li t-talba għal-liberazzjoni saret mill-intimat biss, ir-rikorrenti kellhom jintavolaw rikors *ai termini* tas-subartikolu 199(3) tal-Kap. 12 fir-rigward tiegħu u appell fir-rigward tas-soċjetà intimata, iżda dan ma sarx u għalhekk l-appell odjern kellu jiġi miċħud; (f) f'dan l-isfond in-nuqqas ta' notifika tar-rikorrenti bl-avviż tas-smigħ huwa irrilevanti; (g) fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti kellhom kull interess li jsegwu l-andament tal-

proċeduri; (h) għalkemm ir-rikorrenti jgħidu li l-ewwel Qorti kellha rimedji oħra għad-disposizzjoni tagħha, huma jonqsu milli jgħidu dawn x'kienu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tar-rikorrenti filwaqt li tirrileva li dawn jirrigwardaw iċ-ċirkostanzi li l-ewwel Qorti għaddiet sabiex iddeċidiet dwar it-talbiet tar-rikorrent fin-nuqqas tan-notifika tiegħu bl-avviż tas-smigħ u ddeċidiet it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur b'mod erronju u mhux skont il-liġi. Huma jispjegaw li r-rikorrent qatt ma deher quddiem l-ewwel Qorti proprju għaliex ma kienx jaf bis-smigħ tal-kawża u mhux minħabba nuqqas ta' rispett lejn dik il-Qorti jew b'nuqqas ta' interess. Għalhekk l-intimat qatt ma seta' jitlob il-liberazzjoni. Iżda l-ewwel Qorti sabiex ma tħalliex li l-intimat jiġi ppreġudikat, kellha a dispożizzjoni tagħha mezzi proċedurali oħra. L-intimat ikompli jgħid li l-ewwel Qorti kienet ukoll għaddiet sabiex iddeċidiet it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tas-socjetà intimata meta din lanqas biss kienet notifikata u wkoll lanqas biss kienet intavolat ir-risposta tagħha.

9. Fl-ewwel lok qed jiġi osservat minn din il-Qorti li l-appell odjern ġie magħmul mir-rikorrent kif wkoll mis-soċjetà rikorrenti Liftman Malta Limited. Jingħad li din is-soċjetà ma kinetx parti fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, iżda skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 236 tal-Kap. 12, kull min għandu interess jista' jappella minn deċizjoni. Jingħad li mhux ċar f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri x'inhu l-interess ta' din is-soċjetà, iżda l-Qorti tosserva wkoll li l-

ebda kontestazzjoni ma saret mill-parti l-oħra u għalhekk mhux ser tidħol f'din il-kwistjoni.

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ewwel aggravju tar-rikorrenti dwar in-nuqqas tan-notifika tar-rikorrent, liema aggravju tgħid li huwa wieħed ta' natura proċedurali. Mill-atti proċesswali tirriżulta biss riferta negattiva fit-12 ta' Marzu, 2018 fir-rigward tar-rikorrent, u sal-lum dan għadu mhux notifikat bl-avviż tas-smigħ. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent qatt ma ta ruħu b'notifikat permezz ta' nota jew billi deher personalment quddiem l-ewwel Qorti u għamel id-dikjarazzjoni f'dan is-sens. Dan kollu mhux kontestat mill-intimati. Għandu jingħad ukoll li jirriżulta li l-Avukat Yanika Vidal li ffirmat ir-rikors promotur, ġiet notifikata bir-risposta tal-intimati fil-15 ta' Marzu, 2018. Iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li r-rikorrent ma ġiex notifikat bl-avviż tas-smigħ skont kif jirrikjedi s-subartikolu 182(2) tal-Kap. 12 li jgħid:

> *"(2) B'dak kollu li jingħad fis-subartikolu (1), l-avviż għas-smigħ tal-kawża għandu jiġi nnotifikat lill-parti nfisha."*

11. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma jħallu l-ebda dubju dwar il-ħtieġa tan-notifika tal-parti li tkun istitwiet il-proċeduri kontra l-parti l-oħra, u fin-nuqqas din il-Qorti tqis li jkun ġie leż il-jedd tal-ewwel parti għal smigħ xieraq. Għal din ir-raġuni wkoll is-sentenza appellata għandha titqies nulla *ai termini* tal-artikolu 790 tal-Kap. 12. Meħud inkonsiderazzjoni dan kollu, lanqas ma tista' tintlaqa' s-sottomissjoni tal-intimat li r-rikorrent kellu kull interess li jsegwi l-andament tal-kawża proposta minnu. Dan huwa l-insenjament tal-

Qrati tagħna kif rifless fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tas-16 ta' Novembru, 2004, fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet *vs.* Eddie Brincat**[2]:

> *"Illi m'hemmx dubbju illi mill-premess jirriżulta illi s-sentenza appellata ssofri minn difett ta' tali natura illi tippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq tar-rikorrent appellant, difett illi jirrendi l-istess sentenza nulla ai termini tal-Artikolu 790 tal-Kap. 12."*

Kif ukoll tgħid dik il-Qorti tal-Appell,

> *"...Kien hemm miżuri oħra illi setgħet tieħu l-ewwel Qorti fiċ-ċirkostanzi, bhal, per eżempju, illi tiddefferixxi l-kawża* sine die, *proċedura illi setgħet twassal għad-deżerzjoni skont il-liġi tal-proċeduri inizjati mir-rikorrent ...".*

12. Din il-Qorti ma taqbilx mal-intimati li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kienet dik ta' kanċellament, sempliċement għaliex dan ma tgħidux. Il-verbal tal-aħħar seduta juri li l-intimat f'ismu personali talab il-liberatorja mill-ħarsien tal-ġudizzju, u dan wara li hemm indikat ukoll li r-rikorrent ġie msejjaħ diversi drabi u ma deherx. L-ewwel Qorti b'hekk għaddiet sabiex laqgħet it-talba tal-intimat u fl-istess ħin iddeċidiet il-kawża mingħajr ukoll ma kienet notifikata s-socjetà intimata u kif sewwa qal ir-rikorrent meta din lanqas dehret u resqet talba għal-liberatorja. Irrilevanti għalhekk huma s-sottomissjonijiet tiegħu dwar ir-rimedju li kellu a disposizzjoni r-rikorrent *ai termini* tas-subartikolu 199(3) tal-Kap. 12 u li r-rikorrent ma kellu l-ebda dritt ta' appell fil-konfront tiegħu. Ma jistax ma jingħadx li r-rikorrent kellu għażla waħda in vista tan-nuqqas tan-notifika tiegħu bl-avviż tas-smigħ u wkoll tas-socjetà intimata. Din kienet il-proċedura tal-appell fil-konfront kemm tal-intimat u wkoll fil-konfront tas-socjetà intimata.

---

[2] App. Civ. Nru. 1448/2001.

13. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravji tar-rikorrent huma ġustifikati u tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tar-rikorrent billi tilqgħu u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tirrimetti l-atti kollha lura quddiem l-ewwel Qorti għas-smigħ tal-kawża u għal deċiżjoni finali.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-intimat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**